MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Numru 731/2005

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Raymond Martin, iben Joseph, imwieled Marsa fis-26 ta' diċembru, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' lulju, 2005, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna akkuża quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innoċenti;
2. talli f'dawn il-Gżejjer fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ta xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għal piena aktar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, liema xhieda ngħatat waqt seduta tat-Tribunal ta' Santa Luċija;

3. talli f’dawn il-Gżejjer fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħalef falz quddiem maġistrat jew uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa bil-liġi li jagħti ġurament;
4. talli f’dawn il-Gżejjer fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi bil-qerq ħoloq jew ġiegħel li jidher donnu hemm fatt jew ċirkostanża, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanża jkun jistgħu jiswew bi prova kontra persuna oħra bil-ħsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja;
5. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati fis-26 ta’ frar, 2003 liema sentenza ġiet definittiva.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tapplika l-artikolu 109(1) tal-Kodiċi Kriminali billi tikkundanna lill-istess Raymond martin għal interdizjoni ġenerali, kif ukoll minn interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem qrati tal-Ġustizzja, f’kull każ li jkun.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat fl-14 ta’ lulju, 2005 deher quddiem it-Tribunal tal-lokal taż-Żejtun akkużat b’diversi ċitazzjonijiet li jirrigwardaw il-vetturi tiegħu. Fil-kors tax-xhieda tiegħu u qal li dehrlu li wieħed mill-wardens li tah xi wħud miċ-ċitazzjonijiet kien daħħal idejh fil-karozza tiegħu billi kellha parti mit-tieqa miksura. Fuq l-iskorta ta’ din l-affermazzjoni l-Kummissarju li kien qed jippresjedi dan it-Tribunal dehrlu li l-imputat kien qed jixhed il-falz u ordna li jittieħdu passi kriminali kontra tiegħu.

Illi l-imputat kien instab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u kien ġie kkundannat li jħallas il-multi skond kull każ.

Illi mix-xhieda prodotta fil-kors ta’ din il-kawża ma rrizulta xejn li fiha din il-Qorti tista’ ssib xi ħtija ta’ l-imputat. L-imputat offra x-xhieda tiegħu u dak li qal ġie konfermat minn persuna oħra li offriet ix-xhieda tagħha.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------